Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 334/2012/1

**Claudette Buttigieg magħrufa ukoll bħala Claudette Pace (ID 93868(M)**
**u**
**Cliché Media Entertainment Co Ltd (C28416)**

**Vs**

**Public Broadcasting Services Limited (C13141)**
**u**
**Professur Joseph Pirotta, Professur Maryanne Lauri, Charles Mizzi, Anton Attard, Reuben Żammit, u Natalino Fenech fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-Bord Editorjali ta' Public Broadcasting Services**
**u**
**Deemedia.tv Limited (C22739), għal kull interess li jista' jkollha**

30 ta' Lulju, 2019.

1. **Din is-sentenza titratta l-appell tal-intimati mis-sentenza dwar il-meritu li ta t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-20 ta' Novembru 2017 u li biha ntlaqgħet l-ewwel talba tar-rikorrenti.**

2. Il-proċeduri fil-prim' istanza żvolġew kif ġej:

2.1. Permezz ta' rikors intavolat fit-12 ta' Diċembru 2012 fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, Claudette Buttigieg u Cliché Media Entertainment Co Ltd ippremettew li:

> *'1. Illi in forza ta' ftehim milhuq bejn l-esponenti u l-kumpannija DeeMedia.tv Ltd (C 27739) datat 30 ta' Lulju 2012, li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat Dokument "A", il-kumpannija esponenti giet inkarigata sabiex Claudette Pace tipprezenta l-programm "Sellili" bejn Ottubru 2012 u Gunju 2013 kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha min-nofsinhar u hamsa sal-erbgha ta' wara nofsinhar;*

*2. Illi dan il-ftehim intlahaq wara illi l-kumpannija DeeMedia.tv Ltd ghamlet proposta lill-kumpannija intimata sabiex il-programm "Sellili" ipprezentat mill-esponenti Claudette Pace jixxandar f'dan il-perjodu, liema proposta giet accettata mill-kumpannija intimata;*

*3. Illi l-kumpannija rikorrenti Cliché Media Entertainment Limited, ilha diversi snin ixxandar il-magazine programme bl-isem "Sellili", liema isem jappartjeni lill-esponenti Claudette Pace u lil zewgha David Buttigieg;*

*4. Illi fis-17 ta' Settembru 2012, l-esponenti Claudette Pace iddikjarat illi kienet bi hsiebha tohrog bhala kandidat mal-Partit Nazzjonalista fl-elezzjoni generali li jmiss;*

*5. Illi l-ghada u cioe` fit-18 ta' Settembru 2012, Claudette Pace giet infurmata tramite email illi l-Bord Editorjali ta' PBS Broadcasting Services Limited kien innotifika lill-kumpannija Deemedia.tv Ltd illi hi ma setghetx tipprezenta l-programm "Sellili" b'effett mill-1 ta' Ottubru 2012, unikament minhabba d-dikjarazzjoni tal-kandidatura taghha, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "B".*

*6. Illi tali decizjoni giet ikkonfermata mill-kumpannija intimata PBS permezz ta' kontro-protest gudizzjarju pprezentat nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Settembru 2012;*

*7. Illi l-kumpannija DeeMedia.tv Limited diga' ddikjarat illi tinsab disposta illi tkompli l-programm "Sellili" f'kaz illi l-Bord Editorjali jigi mgieghel jirtira d-direzzjoni tieghu;*

*8. Illi l-kumpannija intimata Public Broadcasting Services Limited hija korp kostitwit ai termini tal-ligi;*

*9. Illi tali decizjoni ttiehdet l-ghada illi l-esponenti ddikjarat l-intenzjoni taghha minghajr lanqas ma giet infurmata l-esponenti dwar tali decizjoni u minghajr ma ntalbet taghti l-verzjoni taghha dwar l-intenzjonijiet taghha;*

*10. Illi l-esponenti ghandhom interess u jinsabu rinfaccjati bil-konsegwenzi tad-decizjoni li hadu l-Bord Editorjali u l-kumpannija intimata Public Broadcasting Services Limited;*

*11. Illi per konsegwenza ta' tali decizjoni da parti tal-kumpannija intimata il-programm "Sellili" pprezentat mill-esponenti ma xxandarx fl-1 ta' Ottubru 2012 izda minfloku xxandar programm iehor bl-isem TV-PM minn zewg individwi ohra, kif ser jigi ampjament spjegat waqt il-kawza;*

*12. Illi tali decizjoni da parti tal-Public Broadcasting Services Limited wara direzzjoni tal-Bord Editorjali hija bla ebda bazi billi wiehed ma jistax jifhem kif is-semplici dikjarazzjoni tal-kandidatura ta' Claudette Pace tista' b'xi mod timpingi fuq il-kwalita` ta' programmi illi l-esponenti hija maghrufa illi tipprezenta li m'humiex ta' natura politika jew ta' grajjiet kurrenti u meta lanqas kienet ghadha thabbret l-elezzjoni generali;*

*13. Illi x-xandir jikkostitwixxi l-professjoni u l-uniku mezz ta' ghixien ghal Claudette Pace u, per konsegwenza ta' tali direzzjoni da parti tal-Bord Editorjali kif ikkonfermata mill-kumpannija Public Broadcasting Services Limited, l-esponenti qed tigi mcahhda milli tipprattika l-professjoni mal-kumpannija intimata DeeMedia.tv Limited meta l-elezzjoni generali kienet*

*ghadha ma thabbritx u qed tesponiha ghall-konsegwenzi finanzjarji kbar, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*14. Illi l-esponenti lanqas tista' tifhem kif twaqqfet milli xxandar il-programm "Sellili" b'effett mill-1 ta' Ottubru 2012 bl-iskuza illi ddikjarat il-kandidatura taghha fis-17 ta' Settembru li ghadda, meta l-istess programm ipprezentat minnha baqa' jixxandar bejn it-18 ta' Settembru 2012 u cioe` d-data meta ttiehdet id-decizjoni sat-28 ta' Settembru 2012 bhala parti mill-iskeda tas-sajf tal-Public Broadcasting Services Limited;*

*15. Illi l-programm "Sellili" kien l-uniku mezz ta' introjtu tal-esponenti f'dan il-perjodu rikorrenti u kien jirrapprezenta l-uniku dhul tal-esponenti u konsegwentement, ir-rikorrenti spiccaw minghajr dhul f'dan il-perjodu;*

*16. Illi l-esponenti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2002 fl-ismijiet "**John Bundy u Clyde Puli vs l-Awtorita tax-Xandir**" fejn il-Qorti kienet ikkonkludiet illi l-fatt wahdu illi wiehed jesprimi pubblikament l-intenzjoni tieghu illi johrog bhala kandidat fl-elezzjoni generali ma kinitx bazi sufficjenti sabiex l-Awtorita` tax-Xandir twaqqfu milli jkompli jezercita l-professjoni tieghu ta' xandar. Illi tali decizjoni kontra awtorità kostituzzjonali bhal ma hija l-Awtorità tax-Xandir tapplika multo magis ghall-kumpannija PBS kostitwita skont il-ligi;*

*17. Illi in vista ta' dan kollu, id-decizjoni tal-intimati hija bla bazi u tippregudika serjament l-interessi tal-esponenti billi qed jigu mcahhda minn dhul finanzjarju taghhom;'*

Talbu għalhekk lit-Tribunal:

*'(1) Jiddikjara illi l-agir tal-intimati u cioé l-Bord Editorjali u l-Public Broadcasting Services Limited hija bla ebda bazi, ultra vires u kontra l-ligi;*
*(2) Jillikwida d-danni sofferti mill-esponenti per konsegwenza ta' tali decizjoni da parti tal-intimati jew min minnhom;*
*(3) Jikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu dawk id-danni li jigu hekk likwidati.'"*

2.2. L-intimati Public Broadcasting Services, Prof. J M Pirotta, Prof. Maryanne Lauri, Charles Mizzi, Anton Attard, Reuben Zammit u Natalino Fenech wieġbu:[1]

*"In kwantu Public Broadcasting Services Limited, illi d-decizjoni attakkata kienet wahda mehuda in buona fede fuq direzzjoni tal-Bord Editorjali li fic-cirkostanzi tal-kaz hadet hi stess decizjoni li ghandha tigi meqjusa ragjonevoli fic-cirkostanzi.*

*In kwantu Anton Attard, Reuben Zammit u Natalino Fenech ma humiex membri tal-Bord Editorjali u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*In kwantu Prof. Pirotta, Prof. Lauri u Charles Mizzi, d-decizjoni attakkata ghandha titqies ragjonevoli fic-cirkostanzi."*

[1] Fol. 28.

2.3. L-intimata DeeMedia.tv Limited wieġbet:[2]

*'1. Illi s-socjeta' eccipjenti ghandha tigi mehlusa mill-harsien tal-gudizzju stante li hija ma wettqet l-ebda eghmil amministrattiv li jista' jigi ssindikat minn dan it-Tribunal skont il-ligi. Ghalhekk is-socjeta' eccipjenti ghandha tinheles minnufih minn din il-kawza a spejjez interament tar-Rikorrenti;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, dan it-Tribunal lanqas ghandu kompetenza skont il-ligi halli jiddeciedi fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti;*

*3. Illi dak li wettqet is-socjeta' eccipjenti hu li segwit id-direttivi moghtija lilha mill-Public Broadcasting Services Limited hekk kif del resto kellha obbligu li taghmel. Ghalhekk is-socjeta' eccipjenti ma ggorr l-ebda tip ta' risponsabbilta' fil-konfront tar-Rikorrenti;*

*4. Illi s-socjeta' eccipjenti taghmel riferenza ghas-'Service agreement' datat 30 ta' Lulju 2012 ffirmat bejnha u bejn kumpanija irrapresentata mir-Rikorrenti a tenur ta' klawsola hdax [11] tal-istess ftehim l-istess Rikorrenti qedha tirrikonoxxi li l-istess socjeta' eccipjenti tista' tagixxi b'dan il-mod meta tircievi direttivi mill-Public Broadcasting Services Limited;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu su-eccepit, ma jidhirx illi hemm talba ghal xi rimedju li huwa dirett lejn is-socjeta' eccipjenti min naha tar-rikorrenti;*

*6. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;*

*7. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.'*

2.4. Fis-seduta tal-4 ta' Frar 2013[3] il-Public Broadcasting Services, Prof. J M Pirotta, Prof. Maryanne Lauri, Charles Mizzi, Anton Attard, Reuben Zammit u Natalino Fenech irtiraw it-tieni eccezzjoni tagħhom;

2.5. Permezz ta' digriet datat 28 ta' Jannar 2014[4] is-soċjetà Public Broadcasting Services Limited ġiet awtorizzata tressaq eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li t-Tribunal adit m'għandux kompetenza li jiddeċiedi l-każ stante li l-proċeduri odjerni ma jirrigwardawx att amministrattiv magħmul minn amministrazzjoni pubblika;

[2] Fol. 32 – 33.
[3] Fol. 34.
[4] Fol. 136 u 137.

2.6. A tenur tal-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Marzu 2014,[5] ir-rikors tħalla sabiex jiġu deċiżi l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà Public Broadcasting Services Limited u t-tieni eċċezzjoni tas-socjetà DeeMedia.tv. Ltd.;

2.7. Permezz ta' sentenza preliminari mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2014 it-Tribunal iddeċieda billi filwaqt li **laqa'** t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà DeeMedia.tv Limited u b' hekk illiberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, **ċaħad** l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà intimata Public Broadcasting Services Limited;

2.8. Permezz ta' rikors datat 17 ta' Ġunju 2014,[6] a tenur tal-artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà Public Broadcasting Services Limited talbet lit-Tribunal permess biex tappella mis-sentenza in parte tat-12 ta' Ġunju 2014;

2.9. Fl-udjenza tat-22 ta' Lulju 2014,[7] it-Tribunal awtorizza '*lir-rikorrenti jappella mid-deċiżjoni preliminari*' liema appell ġie ppreżentat fis-7 t' Awissu 2014;

2.10. Permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Jannar 2016, ġie deċiż li s-socjeta appellanti ma kellhiex bzonn il-permess tat-Tribunal sabiex tappella mis-sentenza, in kwantu l-appell kien jitratta dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri li titratta dwar il-kompetenza tat-Tribunal biex jieħu konjizzjoni tal-kawża, b'dan illi l-appell li ppreponiet Public Services Company Limited ma sarx fit-terminu perentorju kontemplat mil-liġi u għalhekk ġie dikjarat null. Konsegwentement l-atti intbagħatu lura quddiem it-Tribunal sabiex jissokta bis-smiegħ tal-każ;

2.11. Permezz ta' sentenza finali mogħtija fl-20 ta' Novembru 2017, it-Tribunal iddeċieda billi laqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u ddikjara li d-deċiżjoni tal-intimata kienet waħda nulla u bla effett fil-konfront tar-rikorrenti Claudette Pace; ċaħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-intimati; u astjena milli jieħu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet talba in vista tal-fatt li m'għandu ebda kompetenza jagħmel dak mitlub fl-istess talbiet. Bl-ispejjeż kontra l-intimati Public Broadcasting Services Limited (C13141) u Professur Joseph Pirotta, Professur Maryanne Lauri, Charles Mizzi, Anton Attard, Reuben Zammit u Natalino Fenech fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-Bord Editorjali ta' Public Broadcasting Services Ltd. solidalment bejniethom.

[5] Fol. 150 – 151.
[6] Fol. 203 – 204.
[7] Fol. 215.

3. Minn din id-deċiżjoni appellaw l-intimati Public Broadcasting Services Limited (C13141) u Professur Joseph Pirotta, Professur Maryanne Lauri, Charles Mizzi, Anton Attard, Reuben Zammit u Natalino Fenech fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-Bord Editorjali ta' Public Broadcasting Services Ltd u talbu lil din il-Qorti:

*'tilqa' dan l-appell b'dan illi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal astjena milli jieħu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet talba in vista li l-istess m'għandu l-ebda kompetenza jagħmel dak mitlun fl-istess talbiet, tħassar, tirrevoka u tirriforma l-istess sentenza appellata fl-ismijiet premessi fejn din laqgħet l-ewwel talba attriċi u tgħaddi billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellanti, bl-ispejjeż, kemm dawk ta' quddiem it-Tribunal u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tal-appellati.'*

4. L-appellati wieġbu li d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mhix waħda żbaljata u għalhekk jistħoqqilha konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

5. Il-konsiderazzjonijiet prinċipali tat-Tribunal li wassluh għad-deċiżjoni appellata kienu s-segwenti:

*'Illi t-Tribunal fehem illi l-programm "Sellili" kien magazine programme fejn jigu mistiedna ghadd ta' mistednin biex jitkellmu fuq is-suggett partikolari taghhom u ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni li l-istess programmi ma kinux ta' natura politika. Illi jirrizulta illi d-decizjoni appellata ma ttiehditx tant dwar il-kontenut offrut fl-istess programm imma ghaliex il-programm kien se jigi pprezentat minn kandidata prospettiva. Illi ghalhekk l-intimati kienu mhassba li r-rikorrenti seta' jkollha xi vantagg ingust fuq kandidati ohra billi kienet se tidher b'mod iktar frekwenti fuq l-istazzjoni nazzjonali. Dan ir-ragunar jirrazenta ghal kollox min-ness bejn il-presenza attiva tar-rikorrenti bhala prezentatur ma' xi intromissjoni jew involviment f'materja ta' kontenut politiku, kontroversjali industrijali jew materji ta' policy pubblika kurrenti.*

*Illi din il-kawza ghandha fattispece simili, ghalkemm mhux identici ghall-kawza fl-ismijiet "**John Bundy u Clyde Puli vs Awtorita ` tax-Xandir**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 2002 fejn ir-rikorrenti f'dik il-kawza, li kienu ghadhom lanqas thabbru bhala kandidati ghall-elezzjoni generali, wkoll kienu gew imwaqqfa milli jxandru fuq stazzjoni privat in vista li kienu kandidati ghall-Elezzjoni Generali. Madankollu f'dik il-kawza kienet l-Awtorita ` tax-Xandir li kienet ordnat li jieqfu jxandru.*

*Illi mhux kontestat illi r-rikorrenti kienet ilha ghal diversi snin tahdem bhala xandara, ad eccezzjoni ta' xi ftit snin, u li l-introjtu taghha kien jikkonsisti direttament mill-programm in kwistjoni ...*

*Illi jirrizulta illi c-Chairman tal-Bord Editorjali prezenti iddikjara illi l-policy adoperata mill-PBS tapplika wkoll anke jekk persuna tkun qed tipprezenta programm sportiv. Dan imur dijametrikament oppost ghal dak enuncjat mill-Qorti fil-kawza su citata **John Bundy et vs Awtorita ` tax-Xandir** ...*

*Illi l-Qorti tosserva illi l-intimati fil-hrug tad-decizjoni appellata kellhom iharsu l-principji tal-gustizzja naturali tenut kont ukoll tal-fatt illi tali decizjoni kienet se taffettwa l-ghixien tar-rikorrenti u seta' jkollha effett dirett fuq il-professjoni taghha.* ***Dan kollu hu aktar aggravat bil-fatt illi,skond ix-xhieda ta' Joe Mizzi, wara xi jiem, u cioe` sakemm thabbret l-Elezzjoni Generali tal-2013, l-Awtorita` tax-Xandir biddlu l-istess policy biex b'hekk persuni bhar-rikorrenti setghu ikomplu bil-programmi taghhom. Jirrizulta illi l-Bord kien jaf b'dan kollu kif johrog mix-xhieda tal-istess Mizzi. Madankollu ma hassx li kellu jipprovdi soluzzjoni lir-rikorrenti minhabba li dak iz-zmien kien qrib Elezzjoni Generali u kwindi kkunsidrat bhala zmien politikament sensittiv.***

*Illi ghalhekk, dan it-Tribunal ma jistghax hlief jikkondividi s-sottomissjonijet tar-rikorrenti li d-decizjoni mehuda mill-intimati kienet wahda abuziva u li kisret il-principji tal-gustizzja naturali. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza su citata "…jsegwi li persuna politika li <u>incidentalment</u> tkun tezercita wkoll il-professjoni jew il-mestjer ta' xandar fuq il-mezzi tax-xandir, <u>b'dan il-fatt wahdu biss</u> u independentement minn xi involviment f'materja ta' politika et coetera, ma jistax jitqies li tali ezercizzju <u>ut sic</u> ikun jista' jigi pprojbit mill-Awtorità billi jigi mwaqqaf. Dan ifisser ukoll allura li, bil-maqlub ta' dak li qed jigi sottomess mill-appellanti, is-semplici "exposure" ta' kandidat politiku fil-vesti ta' "disc jockey", jew ta' kummentatur sportiv m'hijiex bizzejjed biex wehidha twassal ghal xi nuqqas ta' imparzjalita` jew zbilanc fit-tqassim tal-facilitajiet jew hin ta' xandir bejnu u bejn kandidati politici ohrajn li ma jezercitawx tali professjoni jew mestjer." Dan japplika wkoll fil-konfront tad-decizjoni mehuda mill-intimati.'*

6. L-appellanti ilmentaw mill-fatt li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal irrefera għal dak deċiż f' kawża oħra fl-ismijiet ***John Bundy et vs Awtorità tax-Xandir*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-31 ta' Mejju 2002, iżda naqas li jagħmel id-debita distinzjoni bejn l-operat tax-xandir pubbliku u dak ta' stazzjonijiet privati. L-appellanti jisħqu li l-obbligi kostituzzjonali tagħhom huma definiti fl-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jrid li, sa fejn possibbli, fis-servizzi tax-xandir provduti f'Malta tinżamm imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirreferu għal *policy* pubblika kurrenti u li l-faċilitajiet u l-ħin tax-xandir jitqassmu b' mod xieraq bejn il-persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti. Huwa mbagħad il-*proviso* tal-artikolu 13 tal-Att dwar ix-Xandir, Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta, li joħloq distinzjoni bejn ix-xandir pubbliku mmexxi mill-appellanti u stazzjonijiet privati oħra in kwantu jipprovdi li, <u>bl-esklużjoni ta' servizzi pubbliċi tax-xandir</u>, l-produzzjoni ġenerali tal-istazzjonijiet privati lkoll flimkien għandha titqies ħaga waħda b' mod illi dak li jxandar NET TV huwa meqjus bilanċjat minn dak li jxandar ONE TV u *vice versa.* L-appellanti isostnu li bħala konsegwenza ta' dan, l-obbligi mposti skont l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni huma fil-fatt enforzabbli biss fuq ix-xandir pubbliku u f' dan il-kuntest jirreferu għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Chairman - Public Broadcasting Services Limited Et Noe Vs Awtorita' Tax-Xandir*** deċiża fil-15 ta' Jannar 2013. Jirreferu ukoll għal dokument imsejjaħ '*Direttiva ta' l-Awtorità tax-Xandir dwar Programmi u Reklami mxandra matul il-perjodu 17 ta' Marzu sat-12 t' April 2003'.* Jikkontendu li kuntrarjament għal dak deċiż mit-Tribunal, l-

Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ma japplikax biss dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferu għal *policy* pubblika kurrenti, iżda t-tqassim xieraq tal-ħin fuq ix-xandir pubbliku jirreferi għall-ħin kollu in ġenerali. Għalhekk, kien l-obbligu kostituzzjonali tagħhom li jieħdu dawk il-miżuri neċessarji sabiex il-faċilitajiet u l-ħin tax-xandir ikun imqassam b' mod xieraq bejn il-persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti. Iżidu jgħidu ukoll li l-kwistjoni li l-preżentazzjoni tkun il-mestier u l-għixien tal-persuna partikolari m' għandiex tagħti dritt lill-istess jippreżenta programmi fuq ix-xandir pubbliku.

7. Il-fatti m'humiex kontestati. Is-soċjetà appellanti aċċettat il-proposta ta' DeeMedia.tv Ltd sabiex jiġi estiż ix-xandir tal-*magazine programme* ta' kuljum '*Sellili*' għall-perjodu minn **Ottubru 2012 sa Ġunju 2013**, liema programm kellu jixxandar '*live*' mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn nofsinhar u l-erbgħa ta' waranofsinhar. Konsegwentement, fit-30 ta' Lulju 2012, DeeMedia.tv Ltd kkonkludiet ftehim mas-soċjetà rikorrenti Cliché Media Entertainment Co. Ltd, rappreżentata mir-rikorrenti l-oħra Caludette Pace, biex tippreżenta l-imsemmi programm hekk kif kienet għamlet fl-iskeda tax-xitwa preċedenti, ossija Ottubru 2011 sa Ġunju 2012. Fil-frattemp, **fis-17 ta' Settembru 2012**, il-Partit Nazzjonalista uffiċjalment ħabbar li Claudette Buttigieg, xebba Pace, kienet ser tkun kandidat fl-elezzjoni ġenerali li kien imiss. Tramite *email* mibgħuta lir-rikorrenti Claudette Buttigieg l-għada, 18 ta' Settembru 2012, ftit wara l-10:00 ta' filgħodu, DeeMedia.tv Limited infurmatha illi l-Bord editorjali tal-Public Broadcasting Services Limited (aktar 'l quddiem imsejjħa PBS Limited) kien innotifikaha li mill-1 t' Ottubru 2012 hija ma setgħetx tkompli tippreżenta l-programm '*Sellili*' minħabba li kienet ser tkun kandidata għall-elezzjoni ġenerali li jmiss.

8. Anton Attard, li dak iż-żmien kien Kap Eżekuttiv ta' PBS Limited, xehed li kien hu li ħass li kellu jiġbed l-attenzjoni tal-Bord Editorjali, u eventwalment tal-Bord tad-Diretturi ukoll li:

> '*Il-parir tiegħi kien li ma jistax aħna bħala Public Broadcasting Services ikollna kandidata għall-elezzjoni li tkun qed tagħmel programm għal diversi raġunijiet, waħda kellna l-guidelines interni tagħna peró apparti mill-guidelines interni tagħna anké l-Broadcasting Act lilna jipprekludina milli nagħtu spazju f' dak is-sens, jiġifieri aħna apparti milli PBS needs to be balanced it's to appear to be balanced allura inti għandek element ta', jekk għandek kandidat jippreżenta programm jien ħassejt li m'huwiex ...*
>
> *jien ir-rakkomandazzjoni tiegħi ppreżentajtha lill-Bord Editorjali, il-Bord Editorjali pero huwa konsultattiv ...*
>
> *... Imbagħad ovvjament ressaqt il-każ ukoll quddiem il-Bord tad-Diretturi ...*

*Il-Bord tad-Diretturi kien qabel miegħi ...'*[8]

9. Il-*guidelines* maħruġa mill-PBS fl-2012 bl-isem '***Guidelines on the Obligation of Due Impartiality – News, Current Affairs Programmes, and Programmes Dealing with Controversial Issues***'[9] ġew preżentati minn Joe Sammut, *Chairman* preżenti tal-Bord Editorjali tal-PBS iżda ma setax jikkonferma eżattament meta ħarġu fl-2012. Madanakollu, il-minuta tal-Bord Editorjali tal-PBS datata 5 ta' Ottubru 2012 ma tirreferix speċifikament għal dawn il-*guidelines* u tgħid biss kif ġej:

> *'The Chairman reported that following the announcement of Ms Claudette Pace of her candidacy in the forthcoming general elections he had consulted with the voting members on how to proceed. It was unanimously agreed that the Board should recommend to the Board of Directors through the Chief Executive Officer that Ms Pace should not be allowed to continue to present the program 'Sellili' as from 1st October. The Board agreed with the recommendation.'*[10]

10. Joe Mizzi, li dak iż-żmien kien ic-*Chairman* tal-Bord tad-Diretturi, xehed li l-elezzjoni tħabbret lejn l-aħħar ta' Diċembru u l-kampanja elettorali bdiet fil-bidu ta' Jannar wara l-vaganzi tal-Milied. Jgħid li d-deċiżjoni tal-appellanti kienet ibbażata fuq *policy* fis-sens li '*nies li huma dikjarati kandidati ta' partit politiku, hu x'inhu, ma jitħallewx jippreżentaw programm'.*[11]

11. Jirriżulta li madanakollu, l-istess programm baqa' jkun imxandar fl-iskeda tas-sajf sat-28 ta' Settembru 2012 għalkemm f'*format* aqsar ta' sagħtejn, liema programmi kienu rekordjati minn qabel.

12. Joe Mizzi kkonferma ukoll li '*ftit wara ... l-Awtorità tax-Xandir waqqgħet il-backing għal dik il-policy ... Iġifieri ma baqgħux joġġezzjonaw li kandidati prospettivi dikjarati jippreżentaw programmi.'*[12] Effettivament, skont email ta' Dr Simon Manicolo,[13] Segretarju tal-Bord ta' l-Awtorità tax-Xandir:

> *'l-Awtorità tax-Xandir ma ħarġet l-ebda direttiva b' konnessjoni ma' xandara li jkunu ser jikkontestaw l-elezzjoni ġenerali li jmiss'*

13. Fl-affidavit tagħha l-appellata spjegat[14] li ħassitha offiża li s-sempliċi kandidatura tagħha kellha twassal sabiex tiġi eskluża milli tippreżenta l-programm '*Sellili'*

[8] Fol. 79 (skont l-impaġnar jerġa jibda minn fol. 44 wara fol. 233).
[9] Fol. 68 (skont l-impaġnar jerġa jibda minn fol. 44 wara fol. 233).
[10] Fol. 38.
[11] Fol. 228.
[12] Fol. 231.
[13] Fol. 50 (skont l-impaġnar jerġa jibda minn fol. 44 wara fol. 233).
[14] Fol. 57 *et seq*.

għaliex dan il-programm qatt ma kellu kontenut politiku jew ta' ġrajjiet kurrenti iżda kien immirat b'mod ġeneriku lejn il-mara tad-dar. Tgħid ukoll li fl-1 ta' Ottubru 2012 fil-ħin preċedentement skedat għall-programm '*Sellili*' beda jintwera programm ieħor ippreżentat minn żewġ preżentaturi oħra iżda l-format u s-sett kien l-istess li ġie mfassal minn Cliché Media Entertainment Co Ltd u DeeMedia.tv Ltd. Qalet ukoll li konsegwentement is-soċjetà Cliché Media Entertainment Co Ltd, proprjetà tagħha u ta' żewġha f' kwoti ugwali, tilfet l-uniku mezz ta' introjtu tagħha matul dak il-perjodu liema fatt affetwa ukoll id-dħul tagħha u ta' żewġha bejn Ottubru 2012 sa Ġunju 2013. Ilmentat ukoll li d-deċiżjoni ttieħdet mingħjar ma ngħatat l-opportunità tiddefendi ruħha u bħala xandara, irrekatilha dannu oltré dak finanzjarju.

14. L-appellanti prinċipalment jibbażaw l-appell tagħhom fuq żewġ artikoli tal-liġi, ossija l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-artikolu 13 tal-Att dwar ix-Xandir (Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta). Dawn jipprovdu kif ġej:

<u>Kostituzzjoni</u>

> *'119.(1) Tkun funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa* ***dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti*** *u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti.*
>
> *(2) Il-funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun bla ħsara għal dawk il-funzjonijiet u dmirijiet l-oħra li jistgħu jiġu mogħtija lilha b'xi liġili tkun dak iż-żmien isseħħ f'Malta.'*

<u>Att dwar ix-Xandir</u>

> *'13.(1) Ikun id-dmir tal-Awtorità li twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att għar-rigward tal-liċenzjar tas-servizzi msemmija fl-artikolu 3(1) bil-mod li tqis bħala li hu l-aħjar sabiex tassigura li taqsima wiesgħa ta' dawn is-servizzi tkun disponibbli ma' Malta kollha.*
>
> *(2) F'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi ta' xandir ta' interess ġenerali u fejn l-Awtorità tħalli programmi ta' aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti jiġu mxandra minn dawn is-servizzi, ikun id-dmir tal-Awtorità li tissodisfa lilha nnifisha, kemm jista' jkun, li l-programmi imxandra minn kull servizz ta' xandir ta' interess ġenerali jkun konformi ma' kollha jew xi wħud mill-ħtiġiet li ġejjin kif l-Awtorità tista' timponi fil-liċenza tax-xandir, jiġifieri –*
>
> *(a) li ma jiddaħħal xejn fil-programmi li joffendi s-sentiment reliġjuż, gosti tajbin jew id-deċenza jew li x'aktarx jinkoraġġixxi jew iħajjar għall-kriminalità jew iwassal għal diżordni jew ikun offensiv għal sentimenti pubbliċi;*

*(b) li l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-eżattezza dovuta;*

*(ċ) li jingħata ħin biżżejjed lill-aħbarijiet u avvenimenti kurrenti u li l-aħbarijiet kollha fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-imparzjalità dovuta;*

*(d) li proporzjonijiet xierqa ta' materjal rekordjat u materjal ieħor imdaħħal fil-programmi jkunu magħmulin bil-lingwa Maltija u jirriflettu l-identità kulturali Maltija;*

*(e) li l-programmi mxandra, jkun fihom proporzjon sostanzjali ta' materjal li jkun maħsub sew sabiex jappella għall-interessi, gosti u preferenzi tal-pubblikuin ġenerali; u*

*(f) li tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li għandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti:*

***Iżda, <u>ħlief fil-każ ta' servizzi pubbliċi tax-xandir</u>, fl-applikazzjoni tal-paragrafi (ċ) sa (f), l-Awtorità tista' tikkonsidra l-produzzjoni ġenerali ta' programmi provduti mid-detenturi ta' liċenzja u kuntratturi tax-xandir diversi, ilkoll flimkien bħala ħaġa waħda:***

*Iżda wkoll l-Awtorità tista', meta tagħti l-liċenza għal xandir lil stazzjon kummerċjali, timponi xi wieħed mill-ħtiġiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (f) fl-imsemmija liċenza ...'*

15. Huwa minnu li l-Att dwar ix-xandir jagħmel distinzjoni bejn servizzi pubbliċi tax-xandir u dawk privati, fis-sens illi fl-applikazzjoni tal-paragrafi (ċ) sa (f), l-Awtorità tista' tikkunsidra l-produzzjoni ġenerali ta' programmi provduti minn dawk tal-aħħar ilkoll flimkien bħala ħaġa waħda. <u>Iżda d-distinzjoni tieqaf hemm</u>. Dan ma jnaqqas xejn mill-interpretazzjoni tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni mogħtija fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***John Bundy u Clyde Puli vs Awtorità tax-Xandir*** deċiża mill-Qorti tal-Appell kolleġġjali fil-31 ta' Mejju 2002. F' dik id-deċiżjoni ntqal:-

*'13. Illi l-artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitkellem b'mod generiku dwar it-tqassim b'mod xieraq ta' facilitajiet u l-hin tax-Xandir bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti ...*

*... kemm fid-dicitura generika adoperata mill-Kostituzzjoni u aktar u aktar minn dak li jiddisponi l-artikolu 15 tal-Att XII tal-1991 hemm tassew rabta u konnessjoni logika bejn l-attivita' tal-bniedem politiku kif fuq imsemmi u l-facilitajiet u l-hin li jigu allokati f'dan ir-rigward. **Fi kliem iehor, it-tqassim tal-fakolitajiet u tal-hin tax-xandir m'ghandhomx jigi zgancjati minn dik il-konnessjoni evidenti li tezisti fit-test tal-ligi ma' l-attivita' politika ta' dik il-persuna.** Kwindi jsegwi li persuna politika li <u>incidentalment</u> tkun tezercita wkoll il-professjoni jew il-mestjer ta' xandar fuq il-mezzi tax-xandir, <u>b'dan il-fatt wahdu biss</u> u independentement minn xi involviment f'materja ta' politika et coetera, ma jistax jitqies li tali ezercizzju <u>ut sic</u> ikun jista' jigi pprojbit mill-Awtorita' billi jigi imwaqqaf. Dan ifisser ukoll allura li, bil-maqlub ta' dak li qed jigi sottomess*

*mill-appellanti, is-semplici "exposure" ta' kandidat politiku fil-vesti ta' "disc jockey", jew ta' kummentatur sportiv m'hijiex bizzejjed biex wehidha twassal ghal xi nuqqas ta' imparzjalita' jew zbilanc fit-tqassim tal-facilitajiet jew hin ta' xandir bejnu u bejn kandidati politici ohrajn li ma jezercitawx tali professjoni jew mestjer.'*[15]

16. Huwa ċar għalhekk li l-kliem '*l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti'*, użat fl-artikolu 119 ma jistax jiġi nterpretat bil-mod li tippretendi l-appellanti. L-impjarzjalità li trid il-liġi fil-faċilitajiet u ħin ta' xandir bejn persuni ta' partiti politiċi differenti għandha tinżamm f'dak li huma <u>ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal *policy* pubblika korrenti, ossija, xandir minn persuni ta' partiti politiċi **fil-vesti tagħhom bħala politiċi**</u>. Ħin tax-xandir ta' xandara bi professjoni, li inċidentalment hija ukoll persuna politika, dwar <u>ħwejjeġ oħra li ma jaqgħux f'dawn il-parametri u li m'għandhom xejn x'jaqsmu ma' kwistjonijiet politiċi jew il-pożizzjoni politika mħaddna minn dak ix-xandar partikolari mhumiex kompriżi fit-tqassim tal-faċilitajiet u ħin li għalih jirreferi l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni</u>.

17. Fix-xhieda tagħha l-appellata spjegat li l-programm '*Sellili'* kien programm immirat lejn il-mara tad-dar li kient tippreżenta ukoll fl-istaġun preċedenti. Tiċħad li l-imsemmi programm kien jitratta ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferu għal policy pubblika korrenti. Fil-fatt, tgħid li minn Ottubru 2013, fil-ħin allokat għal programm '*Sellili'* l-appellanti bdew ixandru programm b' kontenut simili għalkemm b' isem u preżentaturi differenti.

18. Effettivament, l-appellanti jammettu li d-deċiżjoni tagħhom ma kinitx marbuta mal-kontenut tal-programm innifsu u fl-ebda waqt ma allegaw li kellhom xi biża' li l-appellata tuża l-istess programm biex tikkummenta b'mod pubbliku fuq kwistjonijiet politiċi kif qiegħed issa jiġi inferit fir-rikors tal-appell. Mill-atti jirriżulta ċar li **d-<u>deċiżjoni tal-appellanti kienet iżda ibbażata unikament fuq il-fatt li tħabbret il-kandidatura tal-appellata Claudette Buttiegieg għall-elezzjoni ġenerali li kien imiss</u>**. Inoltre, d-deċiżjoni kontestata ttieħdet fi żmien meta l-elezzjoni ġenerali nnifisha kienet għadha ma tħabbritx u għalhekk lanqas kien żmien ta' kampanja elettorali.

19. Minkejja li l-appellanti kienet konsapevoli li l-Awtorità tax-Xandir ma kinitx qed toġġezzjona li kandidati prospettivi dikjarati jippreżentaw programmi bħal dak in kwistjoni, hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' Joe Mizzi, l-appellanti żammu ferm il-pożizzjoni tagħhom. Jekk l-Awtorita tax-Xandir ma kinitx qegħda toġġezzjona li

[15] Enfażi ta' din il-Qorti.

xandara fl-istess posizzjoni tal-appellata tkompli tidher fuq programmi, il-qorti ma tifhimx kif l-appellanti setgħet tibqa' żżomm mad-deċiżjoni li kienet ħadet u tippretendi li dak kien raġonevoli.

20. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Chairman - Public Broadcasting Services Limited Et Noe Vs Awtorita' Tax-Xandir*** deċiża fil-15 ta' Jannar 2003 li rreferiet għaliha l-appellanti, ma tnaqqas xejn minn din l-interpetazzjoni. Irrispettivament mill-policy li l-appellanti qalet li kellha, jibqa' l-fatt li bid-deċiżjoni l-appellata kienet imċaħħda milli teżerċita l-professjoni tagħha fuq l-istazzjoni nazzjonali minkejja li l-elezzjoni kienet għadha lanqas biss tħabbret.

21. Fit-trattazzjoni tagħhom l-appellanti sollevaw ukoll il-punt li huma m'għandhomx relazzjoni ġuridika mal-appellata Claudette Buttiġieġ. Filwaqt li m'għandux ikun li fit-trattazzjoni jitqajjmu punti li m' hemmx referenza għalihom fir-rikors tal-appell, dan l-argument hu fieragħ. Hu inkontestat li d-deċiżjoni tal-appellanti kienet **fil-konfront tal-appellata li kienet qegħda tippreżenta programm fuq TVM.**

22. Għall-finijiet ta' kompletezza jingħad finalment li, abbażi tal-provi in atti, tirriżulta infondata l-allegazzjoni avvanzata mill-appellati fis-sens li '*saret diskriminazzjoni netta bejn l-appellati u persuni oħra li dehru fuq programmi tax-xandir pubbliku minkejja illi kienu ddikjaraw il-kandidatura tagħhom'* hekk kif minnhom allegat fit-tweġiba għar-rikors tal-appell tal-appellanti.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.